IL-MARTRI TAL-FAWWARA

# Tfajliet Qalbiena u Martri mis-Siġġiewi

**Fil-bidu tat-Tieni Millennju, kienet id-drawwa tan-Normanni, fosthom il-Konti Ruġġieru I u Ruġġieru II li ġew u ħelsu lil Malta minn taħt il-ħakma Għarbija, li meta kienu jirbħu u jieħdu f'idejhom xi pajjiż ħalli jżiduh mas-saltna tagħhom, iħallu d-drawwiet kollha li jsibu: kienu jagħżlu wkoll xi kmandant Għarbi li jġegħluh iħallas taxxa qawwija u jkompli jmexxi lil dak il-pajjiż sa ma jegħja u jitlaq lejn pajjiżu. Dan ġara wkoll f'Malta u fost il-kmandanti Għarab li ħallew in-Normanni seta' kien hemm il-kmandant qalil Ali Sid li jissemma f'din l-istorja. Fil-bliet u fiċ-ċentri popolati kien iżomm l-ordnijiet mogħtija min-Normanni imma fl-irħula mbiegħda li kienu jinsabu qrib ix-xtajtiet u l-portijiet mwarrba kien ikompli d-drawwiet qodma ta' twemminu li jaħqar u joqtol lil kull min ma jħaddanx id-din idolatru tiegħu.**

## Minn Mons Alwiġ Deguara

Nafu wkoll minn dokumenti ta' l-istorja li meta s-Sinjura Isolda Landolini, mart in-nobbli Lancea Carobene ħalliet fit-testment tagħha ta' l-1362 l-artijiet kollha li kellha f'Malta lill-patrijiet Benedettini ta' San Nikola t'Arena f'Catania biex jibnu monasteru maġenb knisja qadima ta' San Nikola, fl-artijiet tagħha stess, u jkomplu d-dmirijiet mħollija fit-testment billi jitolbu kuljum għall-fondatriċi Isolda u għal żewġha. Dawn il-Patrijiet ma ridux jaċċettaw li jibnu monasteru f'dawn l-inħawi li kienu qrib il-Qrendi u s-Siġġiewi minħabba li naħat bħal dawn qrib ix-xatt kienu perikolużi ħafna minħabba l-biża' tal-furbani li kienu jitilgħu u jagħmlu ħerba minn kulma jsibu; bħala eżempju ta' dawn il-ġrajjiet il-patrijiet semmew li l-Isqof tad-djoċesi baqa' joqgħod fi Sqallija u hemm kienu ħarbu u marru joqogħdu wkoll il-Kanoniċi tal-katidral u nies sinjuri oħra. Dawn il-patrijiet għalhekk kienu talbu lill-Isqof ta' Malta, Ilarju Corrado, biex iġibilhom mingħand il-Papa l-fakultà li jkunu eżenti milli jibnu l-monasteru u jiġu joqogħdu fih waqt li jintrabtu li t-talb kollu ta' kuljum tal-patrijiet kollha tal-monasteru ta' Catania, fejn kien hemm ħamsin patri, joffruh skond l-intenzjoni tal-fundattriċi u jibqgħu jżommu bħala proprjetà tagħhom l-artijiet imħollija lilhom.

Ġrajjiet bħal dawn iwassluna biex nemmnu jew nagħtu aktar importanza lil dak li nstab miktub fin-noti ta' Dun Franġisk Cilia, li kopja tagħhom tinsab miżmuma fl-Arkivji tal-Katidral ta' l-Imdina.

Fil-kopja ta' dawn in-noti nsibu dan li ġej.

VERA COPIA
Dawn il-karti nstabu wara l-mewt tas-saċerdot Dun Franġisk Cilia li miet fil-15 ta' Settembru 1864 li kienu miżmuma minnu u kkonsenjati lil Vigarju Ġenerali Kan. Vincenzo Paolo Galea.



*It-Torri ta' Nofs Malta kif kien jidher sa l-1986. Illum fadal biss il-pedamenti! Qrib it-torri kienu ndifnu aktar xebbiet "martri".*

# IL-MARTRI TAL-FAWWARA

Fl-Isem ta' l-Aktar Għoli (ssmo Supremo).

Nota miktuba kif ġiet iddettata mill-Glorjużi Verġni Santa Filomena, fis-6 ta' Lulju 1863 dwar tliet ismijiet li ġejjin ta' Verġni u Martri li ngħataw martirju f'ġurnata waħda bid-data tas-7 ta' Marzu 1270 għall-habta tat-tlieta ta' wara nofs-inhar u li jinsabu midfuna fil-Fawwara (Fauara) fin-niżla tal-baħar (Marina) b'dan is-sinjal: **taħt siġra tat-tin fil-post li kienu jgħidulu l-Minkeb qrib it-tliet tarġiet tal-ġebel biex jibqgħu sinjal aħjar**.

Genesia, Cherubina u Aurelia. Genesia bint verġni, leġittima u naturali ta' Clement u Rosa miżżewġin Dingli mis-Siġġiewi, fl-età ta' 16-il sena; il-martirju tagħha seħħ wara li kienet miżmuma kalzrata ħobż u ilma għal 25 ġurnata u swat qawwi b'virgi tal-ħadid, biex iġegħluha taqa' fl-Idolatrija sa ma waslet il-ġurnata magħżula tal-martirju hieni, intrabtet minn għonqha b'ħabel u mkaxkra mat-triq għal siegħa sħiħa bil-mixi sa waslet għall-post tal-mewt fejn qatgħulha rasha taħt il-kmand ta' Sid Ali, magħruf bħala kmandant ta' flotta Idolatra, u hekk għaddiet għal beatitudini hienja fil-paċi.

Cherubina, bint verġni, leġittima u naturali ta' Massimiliano u Eduardo mis-Siġġiewi fl-età ta' 13-il sena, xahrejn u 4 jiem, il-martirju tagħha seħħ wara 15-il ġurnata mingħajr ebda ikel, ħaduha fil-post tal-mewt, dendluha minn sieq waħda rasha 'l isfel sa ma mietet fil-paċi u għaddiet għall-beatitudini eterna.

Aurelia bint verġni, legittima u naturali ta' Giovanni u Emilia miżżewġin Chetcuti ta' 25 sena mitwielda fil-limiti tal-Fawwara qrib is-saghtejn ta' bil-lejl fl-20 ta' Marzu 1230, bl-għajnuna ta' l-Arkanġlu San Rafel minħabba li ommha kienet bint imnissla mill-Konti Raffaele Musei minn din il-Gżira ta' Malta; il-martirju tagħha kien l-għoti ta' 143 daqqa ta' stallett fuq ġisimha kollu, fl-aħħar mietet u għaddiet għall-beatitudini fil-paċi.

L-istess qaddisa Santa filomena riedet li din in-nota tingħata fi żmien qasir lis-superjur u Isqof djoċesan ta' din il-Gżira ta' Malta u d-dipendenti tagħha biex jieħu ħsieb u jagħti attenzjoni lil dawn il-Verġni u Martri u jagħraf x'għandu jsir.

Il-Karta l-oħra

F'Isem Ġesù Kristu.

Verdina, bint verġni u naturali ta' Ambrogio u Caterina miżżewġin Tabone mis-Siġġiewi fl-età ta' 14-il sena, mitwielda fil-limiti ta' dan l-istess raħal fit-13 ta' Diċembru 1262; il-martirju tagħha seħħ billi ħallewha għal 15-il ġurnata mingħajr ebda ikel u ilma, wara għaddewha (squatorniata) minn taħt rota tal-ħadid u tinsab midfuna fil-paċi fil-Fawwara fit-telgħa mix-xatt, taħt 15-il xiber (palmi) art.

Anastasia fil-paċi, bint vergni u naturali ta' Nicola u anna miżżewġin Xerri, fl-età ta' 12-il sena u tliet xhur twieldet f'kamra fqira f'razzett żgħir fil-limiti tal-Għolja fis-7 ta' Settembru 1268; hija ħadet il-martirju billi tawha daqqa ta' ħadida fuq it-tarf ta' rasha; hija tinsab ukoll midfuna fil-paċi taħt 15-il xiber art fl-għalqa tal-Fawwara.

Teodora fil-paċi bint verġni u naturali ta' Clement u Felicita Cauchi mir-raħal tas-Siġġiewi, ta' sbatax-il sena; twieldet il-Fawwara fis-16 ta' Awissu 1257. Hija ħadet il-martirju billi tawha ħafna daqqiet ta' frosta tal-virgi tal-ħadid u wara qatgħulha rasha b'xabla kbira. Hija tinsab midfuna fil-paċi taħt 15-il xiber art fl-għalqa tal-Fawwara inti u tiela' mix-xatt.

Domitilla fil-paċi, bint verġni u naturali ta' Matteo u Grazja miżżewġin Lasciell mis-Siġġiewi ta' tnax-il sena u tmien xhur, mitwielda s-Siġġiewi fil-5 ta' mejju. Hija ħadet il-martirju billi gerbuha mill-għoli mas-sies tal-Għolja. Hija tinsab midfuna fil-paċi taħt 15-il xiber art fl-għalqa tal-Fawwara inti u tiela' mix-xatt.

Dawn l-erba' xbejbiet, kollha mill-istess razza ta' bdiewa ndifnu waħda ħdejn l-oħra mill-ġenituri tagħhom stess biex xi darba jinstabu minn xi nies mnebbħa.

Taħt il-ħakma tat-Tirann Ali Sid li dam jiggverna għal ħames snin, ħadu l-martriju madwar 1011; kollha ndifnu mill-ġenituri tagħhom fl-irħula mtarrfin tal-gżira ta' Malta għal dan il-għan.
Il-paċi miegħek
*Vera Copia.*